MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 332/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Patricia Cachia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Jannar, 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin liri Maltin u zewg centezmi (Lm285.02) liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21340783 (CN 1065953 a/c 10096694) liema servizz gie installat fil-fond 'Ice' flat/5, Bishop Caruana Street, Msida skond diversi kontijiet mibghuta lilha, prospett anness ma' l-Avviz tat-Talba mmarkat Dok. A u kuntratt relattiv markat Dok. B.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u hamsa u tmenin liri Maltin u zewg centezmi (Lm285.02), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------